Progressivi Moderati

**Dawn huma xi wħud mill-proposti tagħna dwar l-Edukazzjoni - moqrija matul il-kungress 'Futur Li Jgħaqqadna' wara stedina mingħand il-mexxej tal-Partit Laburista Dr.Joseph Muscat biex inressqu l-ideat tagħna.**

**Speċifikament dwar l-edukazzjoni spjegajna li bħala parti mill-moviment, aħna favur il-linja gwida fejn l-edukazzjoni tintuża biex titwettaq il-ġustizzja soċjali biex kull student ikun jista' jasal u jirnexxi fis-sistema edukattiva, biex l-edukazzjoni tkun il-mutur li permezz tagħha sseħħ il-mobilta' soċjali a bażi tal-mertu u tal-kompetenza kif wkoll biex tiżdied il-meritokrazija fejn min jingħażel f'pożizzjonijiet, jintagħżel ghax huwa kompetenti fix-xogħol li jiġi mitlub iwettaq, u mhux jintagħżel għax huwa ħabib tal-ħbieb.**

**Ipproponejna wkoll li ssir konferenza nazzjonali annwali li tgħaqqad l-għalliema kollha ta' pajjiżna fuq l-istess stil ta' ħsieb tal-istess kungress, biex tinħoloq sinerġija bejn l-għalliema u biex min qiegħed ippożizzjonat 'il fuq fil-qarnita strutturali tal-edukazzjoni - 'jisma'.**

**Lejn edukazzjoni li taghti każ iktar id-dettalji. Skejjel ġodda, iva prosit. Pero' importanti li naraw ukoll id-dettallji u dak li jiġri ta' kuljum inkluż l-indafa, kif ukoll l-kwalita' u l-kwantita' ta' riżorsi li jkollhom l-għalliema. Li naraw id-dettalji li jmissu magħhom l-għalliema u l-istudenti fil-ħajja ta' kuljum.**

**Spjegajna kif kelma ta' għalliem jista' jkollha impatt ikbar minn skola ġdida fuq il-ħajja ta' tifel jew tifla. Għalhekk, aħna favur dak li jissejjaħ *Teacher support and Empowerment* - li naraw li l-għalliema jkunu motivati u jaħdmu f'ambjent professjonali u dinjituż, kif jixraq f'pajjiż fi ħdan l-Unjoni Ewropeja fl-2012.**

**Jekk inti edukatur dedikat li lest li taħdem biex ikompli jseħħ iktar progress fl-edukazzjoni, żomm kuntatt magħna permezz tal-indirizz elettroniku contact@progress.org.mt jew inkella n-numru ċellulari 999 777 78. Tista' wkoll tirreferi għall-proposti dwar l-edukazzjoni li bgħatna lill-Onorevoli Prim Ministru Dr.Lawrence Gonzi, lill-Onorevoli Kap tal-oppozizzjoni Dr.Joseph Muscat, kif ukoll lil diversi dinjitarji u awtoritajiet oħra – permezz tas-sit elettroniku www.progress.org.mt**